*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

## LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 30 – 28 ta' April 2026

***Minuti tat-tletin laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar it-28 ta' April 2026 fis-5:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-5:30pm ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 30. Il-laqgħa bdiet fis-5:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |
| **Uffiċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

30.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Ġew preżentati il-minuti ta’ laqgħa 29. Fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondat mill-Viċi-Sindku Joseph Agius dawn il-minuti ġew approvati unanimament.

30.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

- Dwar il-festa ta’ San Filep 2026, is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li s-sena d-diehla iridu jkunu determinati l-qisien tal-barijiet tal-festa sabiex kollha ikunu uniformi. Minn din is-sena fuq struzzjoni tal-Pulizija, il-barijiet iridu jkunu żarmati u mneħħija qabel ma tgħaddi l-purċissjoni ta’ San Filep il-Ħadd filgħaxija.
- Is-sistema tat-traffiku fiz-zona tad-Dawl ġiet taħdem tajba ħafna. Tgergir kien hemm mill-anqas.
- Il-cameras tal-pjazza jiffunzjonaw imma għadhom mhux effettivi. Għad trid issir Data Impact Assessment.
- Ġnien l-Indipendenza għadu mhux proprjetà tal-Kunsill. Barra minn hekk hemm xi ħsarat f’arbli li għad iridu jitranġaw mill-Kuntrattur responsabbli mill-Public Works.
- Infetaħ id-Dog Park b’mod formali fiz-zona ta’ Għarram. Dan kien kollu xogħol mill-Project Green.

Il-Kunsillier George Cortis qal li xtaq jitkellem fuq il-proġett tal-community hub. Huwa qal li għandha titkompla l-apramorta u li l-aħħar xogħol ma kienx sar b’mod sodisfaċenti. Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li fi ftit tal-ħin kien ser jasal il-Perit Buhagiar sabiex jagħti spjegazzjoni ta’ kif għandha ssir il-faċċata, jiġifieri x’hemm imniżżel fil-BOQ. Il-Kunsillier George Cortis qal li ma jistax jibqa għal-laqgħa u telaq fis-6pm.

30.5 Aġġornament dwar Community Hub

Ġiet sospiża l-aġenda sabiex tiġi diskussa dan il-punt.

Eżatt wara, daħal il-Perit Charles Buhagiar u il-laqgħa waqgħet fi stadju ta’ kumitat fejn il-Perit ta’ spjega iddettaljata ta’ x’fiha l-BOQ. Ġie spjegat il-finish tal-faċċata saret eżattament kif mitlub mill-BOQ għaliex fil-BOQ it-teknika li għandha tkun użata, m’hemmx imniżżel li il-fili jridu jitnaddfu u li għandu jsir l-invjar tal-ġebla. Il-perit Buhagiar qal li li l-PA approvat fair faced franka stone, lixxa fuq il-fil.

Il-kunsilliera wrew ix-xewqa li il-faċċata tkun miksija u li anke l-ewwel tlett filati jsiru bit-travertine, ġaladarba l-ewwel ftit filati anke bdew jiħdaru bl-umdita. Il-Perit spjega li hemm line item speċifiku għall-kisi u ż-żebgħa tal-faċċata. Għaldaqstant għandha tingiref il-faċċata qabel ma jsiru dawn ix-xogħlijiet, u tiddaħħal bħala minor amendment mal-Planning Authority.

Is-Sindku ġab għall-approvazzjoni li ngħatat mill-Kunsill unanimament dwar il-coin operated machine u ż-żewġ bibien awtomatiċi li jmorru magħha li huma madwar Eur6200 u Eur8200 mingħajr VAT.

30.3 PC12/25 – Site Triq Ħal Mula k/m Triq Michael Debono k/m Triq iż-Żebbuġa l-Bajda

Is-Sindku Steve Zammit Lupi fakkar li saret il-laqgħa mar-residenti fejn kien hemm qbil li l-Kunsill ser jipprova jinnegozja aktar biex jiggwadanja xi ħaġa aktar. Spjega li l-ispazju pubbliku irdoppja mill-proposta oriġinali għal 500 metru kwadru, ser jingħata maisonette, u spazju ta 80 karozza bħala parkeġġ. L-iżvillupatur huwa Erskine Vella.

Wara li tinħareġ ittra min-naħa tagħna, l-iżvillupatur jissottometti pjanijiet ġodda. L-ittra tal-Kunsill lill-Awtorita tal-Ippjanar għandu jintqal li l-Kunsill qed jaqbel li jsir il-bdil tal-użu taz-zona, filwaqt li jiddaħħlu pjanti ġodda min-naħa tal-kuntrattur.

Il-Kunsillier Paul Baldacchino ippropona dan kollu, filwaqt li kien sekondat mill- Kunsillier Dr. Mazzola. Kulħadd kien favur.

30.4 DPF Funds – Baden Powell Scouts

Il-Baden Powell Scouts għandhom bżonn post minn fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu. Il-kamra li hemm ġewwa Ġnien tal-Grazzja tista tikber sabiex takkomoda li dan il-grupp. Jistgħu jinġibu fondi mingħand il-PA li huma allokati lill-NGOs.

L-ownership tibqa tal-Kunsill Lokali. Dan kollu kien propost mis-Sindku Steve Zammit Lupi u sekondat mill-Viċi-Sindku Joseph Agius.

30.6 Misraħ l-Isptar

Is-Sindku Steve Zammit Lupi ppropona li jinbidlu il-fanali u s-sistema tal-elettriku jinbidlu. L-istima hija ta' madwar Eur25,000. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu japplika għal dawn il-fondi.

30.7 Tenders

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li bdew jkunu preparati żewġ tenders oħra u bħalissa qed lesta d-draft ta t-tender taż-żebgħa u t-tabelli u road markings tal-fuq minn 190 triq. Qed jiġi preparat it-tender tat-tiswija u bini ta' bankini ġodda.

30.8 Vot tal-Flus

Il-vot tal-flus kien iċċirkolat minn qabel. Fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi, sekondata mill-Kunsillier Philip Scicluna, kien hemm qbil unanimu u dawn il-pagamenti kienu approvati.

30.8 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sine die. Din il-laqgħa spiċċat fit-8:30pm.

**Steve Zammit Lupi** **Paula M. Valletta**

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**

,